MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5

**2 ta' Ottubu 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Justin Schembri - Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier
Sephora Cutajar - Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sinjuri Joanne Debono Grech, Justin Schembri, Karl Cutajar, Nancy Aquilina, Rita Borg, Kaylocke Buhagiar, Antoine Attard, Owen Patrick Attard, Sephora Cutajar, Deborah Mifsud, John Mizzi, Marie Claire Zammit Bonello u Francis Pullicino.

Kien hawn preżenti wkoll il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella.

**5.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

5.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-ħamsa ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

5.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx irċieva apoloġiji.

**5.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

5.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 4 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

5.2.2 Kien hemm korrezzjoni waħda – (item 4.2.6) fejn kien hemm żball fl-isem tas-servizz tal-anzjani. Dan mhux TUP TUP imma TUK TUK. Il-korrezzjoni saret dak il-ħin stess.

5.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar, il-minuti tal-laqgħa numru 4 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**5.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

5.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi fl-istaff tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill għad hemm inġustizzji fl-iskali. Hija talbet lis-Segretarju biex l-istaff tal-Kunsill li qed jaħdem fl-uffiċċju imma jagħmlu wkoll xogħol ta' *contract management* fuq barra jew kordinament ta' l-uffiċċju fuq ġewwa jingħata skala 13. Din se tkun tivolvi ħames ħaddiema. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din tkun miżura tajba bħala retention tal-ħaddiema. Kien hemm qbil. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aktar taħriġ għal dawn il-ħaddiema wkoll.

**5.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

5.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard talab lis-Segretarju jikteb lill-*Planning Authority* sabiex jibda jkollna lista ta' applikazzjonijet ġodda fuq Birkirkara. Din saret u nkitbet ittra uffiċċjali lill-*communications office* ta' l-istess awtorita'.

5.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Antoine Attard talab sabiex ikollna iktar informazzjoni dwar il-proġett li se jagħmel Fino fl-Imrieħel għax qal li dan se jħalli impatt billi se jkun fih 18-il sular. Is-Segretarju se jniżżel l-informazzjoni mill-*website* tal-*Planning Authority*.

5.4.3 Il-Kunsilliera is-Sa Deborah Mifsud staqsiet jekk għal Pink October nistgħux norganizzaw mixja biex niġbru fondi. Is-Sindku ma sabietx oġġezzjoni pero' qaltilha biex tkellimha l-għada tal-laqgħa fuqha. Is-Sa. Mifsud qalet ukoll illi tajjeb nagħmlu xi kalendarju annwali bl-attivitijiet li jiġu organizzati minn sena għal sena.

5.4.4 Il-Kunsilliera is-Sa Deborah Mifsud issuġeriet li għall-Milied jiġi organizzat Villaġġ tal-Milied. Din l-ideja se tkun diskussa f'sotto kumitat biex naraw fejn, kif, u meta se jsir. Il-kunsilliera interessati f'dan il-kumitat huma s-Sinjuri Deborah Mifsud, Kaylocke Buhagiar, Sephora Cutajar, Marie Claire Zammit u Francis Pullicino. Żewġ membri mill-istaff ukoll ikunu f'dan il-kumitat. Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar qal illi anke l-għaqdiet ta' Birkirkara tajjeb li jkunu preżenti ħalli jikkontribwixxu wkoll. Is-Sindku talbet lis-Segretarju jiċċekkja x'qed jagħmlu r-Rabat biex napplikaw l-istess metodu

bħala finanzi, kif il-Kunsill qed idaħħal il-flus. Is-Segretarju qal li l-Kunsill għandu *bye-law* biex jinkrew l-i*stands*.

5.4.5 Il-Kunsilliera s-Sa. Marie Claire Zammit Bonello issuġeriet illi fil-Milied isir xi tiżjin minn skart riċiklat. Kien hemm qbil u s-Sindku talbet lill-Kunsilliera s-Sa. Sephora Cutajar, peress li hi responsabbli mill-ambjent, biex tieħu ħsieb.

5.4.6 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal li ħdejn il-Melitella qed jitfgħu ħafna ħmieġ. Is-Sindku qaltlu jaħdem fuq din il-problema mal-Kunsilliera s-Sa. Deborah Mifsud.

5.4.7 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi semma' li tnaddfu xi *culverts* imma l-ħmieġ ta' ġo fihom ma nġabarx. Is-Segretarju qal li kien hemm problema mal-kuntrattur li ssolviet u l-ħmieġ inġabar.

5.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi l-iskola ta' l-Imrieħel avviċinatu peress li jtellgħu xow darbtejn fis-sena, u xtaqu kontribuzzjoni finanzjarja eż madwar 700 euro mill-Kunsill. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi ma nistgħux nagħtu donazzjonijet ta' dan it-tip. Hija qalet li taqbel li nagħtu kotba imma mhux flus.

5.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi waslet għandu teżi li nkitbet minn student Karkariż dwar il-ħajja ta' Vincenzo Borg Brared. Hija qegħda bl-Inglż imma xtaq li jibda l-proċess biex tinqaleb bil-Malti u mbagħad eventwalment joħroġ ktieb tal-Kunsill lejn l-aħħar tas-sena d-dieħla. Ma kienx hemm oġġezzjoni u se jinbeda l-proċess.

5.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi għandu jkollna qbil jew proċedura dwar meta jiġu kuntratturi u jitolbuna per eżempju 10 *parking spaces* jew iktar. Kien hemm diskussjoni dwar il-possibiltajiet, u l-istess kunsillier se jkun qed jagħmel proposta iktar dettaljata fil-laqgħat li jmiss, biex tiġi diskussa.

5.4.11 Il-Kunsilliera s-Sa. Marie Claire Zammit Bonello qalet li Triq San Ġiljan fejn il-*bye-pass* hemm biċċa *two way* u hemm bżonn imqar sinjal ta' *give way*. Is-Sindku qalet li ideja tajba u talbitha tgħaddi l-ideja lill-istaff.

5.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino rraporta laqgħa li saret mal-aġenzija APPOĠĠ u *Foundation for Social Welfare*, fejn għad hemm problema fejn in-nies minn Birkirkara jridu jmorru l-Imsida bilfors biex jinqdew. Hu qal li se jitkellem mal-prepostu wkoll forsi jinstab premises minn fejn jistgħu joperaw. Staqsa jekk bħala Kunsill nistgħux ngħinu finanzjarjament. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-finanzi tal-Kunsill irriduhom aħna bħala Kunsill u mhux biex inqassmuhom speċjalment ma' aġenziji tal-gvern. Fejn nistgħu b'xi mod ngħinu, ngħinu, imma mhux finanzi.

5.14.13 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino talab lista ta' l-NGOs li joperaw minn Birkirkara. Il-lista se tkun mgħoddija lilu.

**5.5 Ftehim Ta' Monita**

5.5.1 Daħlu fil-laqgħa rappreżentanti Ta' Monita fosthom is-Sinjuri Mark Gasan u Stefan Deguara (Gasan) u Charles Ellul (Elbros), li magħhom il-kunsill kien iffirma ftehim fl-2013 dwar Ġnien l-Istazzjon. Is-Sindku qalet li l-Kunsill mhux kontra li meta jinbena l-kumpless tar-Roxy, ikun hemm servitu ta' galleriji fuq il-ġnien imma mhux li jkun hemm bibien għar-residenzi.

5.5.2 Ir-rappreżentanti tal-kumpanija qalu li se jkun hemm bieb wieħed biss pero' mhux se jkun għar-residenzi imma għaċ-ċentru kummerċjali li se jkun hemm.

5.5.3 Is-Sindku qalet illi importanti li jkollna ftehim bil-ħinijiet.

5.5.4 Il-Kunsillier is-Sur Justin Schembri qal illi jekk l-uniku bieb se jkun tas-*shopping complex*, jaqbel għax se jkun hemm *enhancement* tal-ġnien.

5.5.5 Il-Kunsillier is-Sur Kaylocke Buhagiar saqsa x'tip ta' ħwienet se jkun hemm fil-*mall* bir-rappreżentanti tal-kumpanija eskludew li jkun hemm ħwienet ta' ikel imma iktar ħwejjeġ. Hu saqsa wkoll minn fejn se jaħdmu biex itellgħu l-bini. Ir-rappreżentanti qalu li se jidħlu minn Triq il-Kulleġġjata.

5.5.6 Hawnhekk daħal ukoll il-perit tal-kumpanija li qal li r-residenti se jkunu marbuta b'*residents handbook* kif jistgħu jintużaw il-gallerijiet, u anke ftehim fuq il-manteniment ħalli l-post ma jaqagħlux il-livell.

5.5.7 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ħa nikkonsultaw bejnietna u nagħtuhom il-ħsibijiet tagħna. Pero' sar pass fid-direzzjoni tajba dment li mhux se jinfetħu bibien tar-residenzi fuq il-ġnien. Ukoll ħarġet l-ideja illi l-bieb mas-*shopping mall* ikun jissakkar miż-żewġ naħat b'żewġ gradi minn kull naħa.

**5.6 *Quarterly Financial Report Q2 - 2019***

5.6.1 Il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella ressaq ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena fejn ħarġu dawn il-punti:

5.6.2 Kienet il-kwart tas-sena fejn fiha saret l-elezzjoni allura kien hemm ċerti spejjeż aċċellerati speċjelment meta jkollna pressjoni mir-residenti. Issa nerġgħu niġu lura għan-normalita' fit-tielet u r-raba' kwart.

5.6.3 Id-deficit għat-tieni kwart kien ta' 68K pero' konna konservattivi ħafna fl-*accruals*. Il-konsulent qal li din il-figura ma nkwetatux għax dan huwa *accounting deficit*, jiġifieri qed jieħu inkonsiderazzjoni per eżempju madwar 138K deprezzament.

5.6.4 Il-*financial indicator* huwa ta' -44%. Din hija figura negattiva pero' żgur se jkun hemm titjib fir-rapporti li jmiss.

5.6.5 Is-Sur Vella qal illi issa huwa fundamentali li niltaqgħu bħala kumitat tal-finanzi u nibdew nissettjaw kemm il-baġit għas-sena d-dieħla kif ukoll il-business plan għal 5 snin.

5.6.6 Importanti li meta nieħdu *commitments* kapitali, niċċekkjaw u nkunu ċerti mill-ispejjeż professjonali għax dawn qatt ma jkunu koperti mill-fond akkwistat.

5.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien għamel talba formali lis-Sindku biex jixtri l-*laptop* li ilu juża' għal ħafna snin. Ma kienx hemm oġġezzjoni biex jinxtara dan l-*asset* skont in-*net book value* li għandu.

5.6.8 Ir-rapport finanzjarju ġie approvat nem. con.

**5.7 Kuntratt *Soft Areas***

5.7.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi wara li konna waqqafna parzjalment lis-Sur Charles Gauci mill-kuntratt tas-*soft areas*, wara li kien tefa prezz ħażin, issa wasal iż-żmien li l-ħaddiema tagħna jieħdu *over* tal-kuntratt sħiħ anke t-tindif u tisqija fl-istazzjon u John Borg. Kien hemm xi mistoqsijiet u ġie maqbul illi dan isir bi prova imbagħad ngħidu aħna wara sitt xhur nagħmlu *review* tas-sitwazzjoni. Is-Segretarju se jinforma lill-kuntrattur dwar dan.

**5.8 Ġemellaġġi**

5.8.1 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino qal illi fuq iż-żewġ ġemelaġġi hemm interess kbir u se jinbeda l-proċess formali. Huwa qal li l-liġi tippermettilna nonfqu 0.5% tal-allokazzjoni tagħna li tiġi madwar 7,000euro. Is-Segretarju talab approvazzjoni formali biex il-figura ta' 7000euro għal darbtejn tidħol fil-baġit tas-sena d-dieħla. Il-Kunsilliera qablu. Madankollu se ssir diskussjoni dwar x'se jiġri u kif se nagħmlu biex apparti l-kunsilliera, isiefru wkoll rappreżentanti mill-għaqdiet. Dan jiddependi mill-*flights* (jekk hux bl-Airmalta eċċ), dati, u prezzijiet.

**5.9 Tiżjin fit-toroq tal-Milied**

5.9.1 Is-Sindku talbet lis-Segretarju joħroġ sejħa għall-offerti għat-tiżjin fit-toroq tal-Milied f'numru ta' toroq Karkariżi. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

**5.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 4/8 u *petty cash***

5.10.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech għaddiet għall-approvazzjoni tal-membri l-listi tal-*petty cash*. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku is-Sur Karl Cutajar u approvati nem. con.

5.10.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet għall-approvazzjoni l-iskedi ta' pagamenti 3/8. Dawn ġew issekondati mill-Viċi Sindku s-Sur Karl Cutajar u l-Kunsillier s-Sur Owen Patrick Attard. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-finanzi għaddew b'mod unanimu.

**5.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

5.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.35pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 14 ta' Ottubru fis-6pm.

Konfermati, illum 14 ta' Ottubru 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |